MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tas-27 ta' Frar, 2014

Talba Numru. 77/2010

Louis **Caruana (ID:514233M), Saviour Borg (ID272753M) u Francis Portelli (ID 473561M) fil-kwalita' taghhom ta' President, Segretarju u Kaxxier rispettivament, ghan-nom tal-Kazin tal-Banda San Pio X ta' Hal Lija u b'digriet tat-Tribunal datat 21 ta' Novembru 2012 Francis Portelli assuma l-atti bhala President minflok Louis Caruana u mark Sciberras assuma l-atti bhala Kaxxier minflok l-imsemmi Francis Portelli.**

**Vs**

**Geronzio Vella (ID: 254754M)**

**It-Tribunal**

I PRELIMINARI

**Ra** li fl-AVVIZ il-Kazin tal-Banda San Pio X ta' Hal Lija qed jitlob minghand il-konvenut il-hlas ta' (elf, mija u tnejn u sittin Ewro u tnejn u tletin centezmu) €1,162.32c bhala bilanc fuq sehem ta' hlas ghall-kont tad-dawl u ilma nru. 11128390-4 datat 20 ta' Lulju 2009 (Dok A) skond Art.22 tal-iskrittura tal-20 ta' Lulju 2008 (Dok B) u dana skond prospett Dok C. bl-imghax mill-20 ta' Lulju 2009.

**Ra** li fir-RISPOSTA l-konvenut qed <u>jichad</u> li ghandu jaghti l-ammont mitlub – b'riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti.

**Ra** li b'nota prezentata fit-12 ta' Lulju 2012 (*a fol 101)* l-atturi naqqsu s-sorte b'€365.88 ghal €796.44c.

**Ra** li l-konvenut qajjem eccezzjoni ulterjuri fis-sens li l-firma *a pag 66* fil-kuntratt originali dwar l-2008/9 mhiex tieghu u t-TRIBUNAL cahad it-talba.

II PROVI

1. <u>Francis Portelli,</u> kaxxier tal-Banda qal li fis-sular t'isfel hemm bar li jwilluh. Wara sejha ghall-offerta krew it-tmexxija tal-bar lill-konvenut li kien l-uniku offerent. Kirja mill-20 ta' Lulju 2007 sad- 19 ta' Lulju 2008 (Dok FP1 *a fol 20*). Skond il-ftehim il-kont tad-dawl u ilma kellu jithallas nofs b'nofs bejn kazin u min imexxi l-bar. Fl-ewwel sena x-xhud kien jitlob lill-konvenut sehmu mill-kont u dan kien ihallas fil-pront fi flus kontanti u l-kaxxier kien johrog cekk wiehed lill-Enemalta.

2. F'Gunju 2008 saret sejha ohra ghall-bar u dik unika tal-konvenut giet accettata ghall-perjodu 20/07/2008 sa 19/07/2009 (Dok B). Dwar dawl u ilma baqa' kollox l-istess. F'dik is-sena l-Enemalta ma baqghetx tibghat l-kontijiet kull xahar. Sa Gunju 2009 (meta saret sejha ghall-offerta tal-bar), il-kont baqa' ma giex. It-tielet offerta ma hadhiex il-konvenut izda haddiehor. Meta l-konvenut gie biex johrog, talbuh jaqra l-meters u fid-9 ta' Lulju 2009 tahom id-Dok FP2 *a fol 25* u x-xhud qata' l-linja dakinhar bla ma qaghad ifittex ghat-12-il jum li l-konvenut kien fadallu qabel johrog.

3. Attwalment il-kont shih hareg ghall-perjodu shih izda huma talbuh sad-9 ta' Lulju 2009 li gie €1,381.70 (nofs €2,763.40). Billi kienu mifthiema li l-konvenut jaghti xorb b'xejn lill-bandisti f'xi okkazjonijiet, spejjez tal-kazin, huma naqqsu dan l-ammont ta' €219.18 u qed jitolbu €1,162.32 (Eventwalment il-*quantum* tnizzel ghal €796.44 kif gie rilevat *supra*). Qal ukoll li darba l-konvenut baghat b'cekk inqas milli mitlub u dan baghtuhulu lura (Dok FP3 *a fol 30*). Meta xehed ulterjorament hu esebixxa l-original tal-kuntratti. (Dwar dan il-konvenut qal li fid-Dok *a fol 66* il-firma mhiex tieghu. Ried iressaq eccezzjoni ulterjuri u t-TRIBUNAL cahad it-talba – ara rikors *a fol 67,* in-noti tal-partijiet *a fol 70* fol 72 u d-digriet li fih giet michuda t-talba *a fol 82).*

4. Xehdet <u>Annabella Camilleri</u> ghal ARMS Ltd li qalet li fuq l-indirizz tal-Banda kien hemm kont wiehed ghal meter tad-dawl u l-ilma u fir-rigward esebiet kontijiet dettaljati.

5. Xehed <u>Martin Zammit</u> tal-GO plc. li qal li fuq il-kazin tal-Banda hemm antenna installata li saret f'Novembru 2000. Ghal dan ihallsu pagamenti lill-

Kazin billi l-antenna tikkonsma d-dawl. Ihallsu skond sub meter. Pero' l-kazin kien jircievi kont wiehed.

6. Wara dan xehed mill-gdid <u>Francis Portelli</u> li qal li l-meter ghalih tal-antenna kien sar mit-2 ta' Jannar 2009 u fir-rigward esebixxa email ta' Vodafone, Dok MZM1 *a fol 98* u in vista ta' dan <u>irriduca t-talba attrici</u> ghal €796.44.

7. In kontro-ezami Portelli ta aktar dettalji dwar l-antenna u hawn it-TRIBUNAL jaghmel referenza ghal din ix-xhieda li tinsab *a fol* 118-120, u xehed ulterjorament ukoll in kontro-ezami (*a fol* 126) b'aktar spjegazzjonijiet.

8. <u>Il-konvenut Geronzio Vella</u> xehed b'affidavit (*a fol* 103 et seq) dwar l-affari tal-GO u qed issir referenza ghad-dettalji hemm migburin. Rega' xehed ukoll *viva voce* (ara *fol* 127-129).

## III <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

1. It-TRIBUNAL jibda biex jghid illi hu awtorizzat iqis "money claims" u f'dan ikun iggwidat minn principji ta' ekwita'. Ekwita' tfisser li wiehed japplika b'mod shih imma ekwu l-ligi u mhux xi applikazzjoni frontali kontra l-ligi.

2. Quddiemu t-TRIBUNAL ghandu kuntratt ta' kiri ta' bar li fost hwejjeg ohra jiddisponi li min jiehu l-bar ihallas nofs il-kont tad-dawl u l-ilma tal-kazin. Il-konvenut fi stadju avvanzat sew tal-process (7 ta' Lulju 2011 f'kawza ntavolata fis-27 ta' Ottubru 2010 u li fiha s-socjeta' attrici pprezentat mal-AVVIZ dokumentazzjoni kopjuza) ried iqajjem eccezzjoni ulterjuri fis-sens li hu qatt ma ffirma l-ftehim promotur – Dok B. Dan kien kopja tal-original u wara gie esebit l-original.

3. Dan jimplika li l-konvenut kien qed jallega tbaghbis f'dokument li ghandu effetti sew civili kif ukoll kriminali. Kieku ried il-konvenut seta' qajjem dal-punt sa mill-bidu nett u t-TRIBUNAL kien iqis jekk dan kienx jimplika effett fuq il-gurisdizzjoni tieghu jew jekk eccezzjoni bhal dik kienetx materja ghal kawza *ad hoc*. It-TRIBUNAL ma setax, meta saret talba ghal eccezzjoni ulterjuri fir-rigward ma jichadhiex. L-amministrazzjoni tal-gustizzja ma hallietlux triq ohra, ghax, fost ohrajn, it-TRIBUNAL ma jistax jippermetti xi *delaying tactic*.

4. Minn naha l-ohra l-konvenut kien floku li jqajjem il-punt li ma kellux ihallas ghal xi konsum tad-dawl minhabba l-antenna tal-GO. Dak il-konsum ma jidholx fil-konsum normali u legittimu ta' dawl minn naha ta' kazin tal-Banda. Il-kazin irrikonoxxa dan meta rriduca t-talba originali, meta jitqies sewwa sew x'kien responsabbli ghalih il-konvenut.

5. Meta jitqies dak kollu mfisser hawn fuq, it-TRIBUNAL iqis li hu pruvat li l-ammont kif ridtott hu dovut.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL jiddeciedi billi (1) jilqa' t-talba attrici fl-ammont ridott ta' €796.43 u jichadha ghall-bqija (2) jichad l-eccezzjoni tal-konvenut in kwantu biss li hi nkompatibbli ma' dak milqugh fit-TALBA (3) jikkundanna lill-konvenut li jhallas lis-socjeta' attrici l-*quantum* imsemmi fi zmien ghaxart ijiem mil-lum b'dana li f'kaz ta' nuqqas jibda ghaddej l-imghax mil-lum stess sal-jum tal-pagament effettiv u (4) jiddeciedi li, fic-cirkostanzi, l-ispejjes tal-kawza jkunu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------